**23 ta' Marzu, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist.S.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Axisa

## Preskrizzjoni

*Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali tista' tolqot kemm l-inizju ta' l-azzjoni u kemm il-kors tagħha sakemm ma teżawrixxix ruħha naturalment bil-ġudikat: b'hekk anke wara li jkunu bdew il-proċeduri quddiem il-Qorti, l-azzjoni kriminali tista' taqa' bil-kors taż-żmien stabbilit.*

*Minn eżami tal-ġurisprudenza in materja, jidher li l-artikolu 688 (4) (illum artikolu 693 (4)) ġiet applikata anke meta l-persuni l-oħra li fil-konfront tagħhom ma jkunx sar l-att interruttiv tal-preskrizzjoni ma jkunux ġew ipproċessati flimkien mal-persuna li fil-konfront tagħha sar l-att interruttiv.*

*Il-liġi, fl-artikolu 688 (4) ma ssemmix ko-imputati imma dawk kollha li jkunu ħadu sehem fir-reat. Jiġifieri l-liġi testendi l-applikazzjoni ta' l-att interruttiv tal-preskrizzjoni għal dawk il-persuni li "jkunu ħadu sehem fir-reat" u dawn il-kliem neċessarjament ifissru li ma jeħtieġ li dawn il-persuni jkunu ko-imputati jew li jkunu imputati fil-mument li l-interruzzjoni tavvera ruħha.*

*Il-ksur tal-preskrizzjoni għandu effett kontra dawk kollha li jkunu ħadu*

*sehem fir-reat. Jiġifieri meta l-att li bih ikun ġiet miksura l-preskrizzjoni jkun sar kontra wieħed biss, biex dak il-ksur tal-preskrizzjoni jkollu effett kontra ħaddieħor, jeħtieġ li jkun hemm da parti ta' dan il-ħaddieħor mhux il-konkors fil-fatt imma l-konkors fir-reat. Mhux hekk biss, imma jeħtieġ ukoll illi l-konkors ikun fl-istess reat.*

Il-Qorti:-

Rat l-atti kkompilati kontra l-imsemmi Anthony Axisa quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta bħala Qorti Istruttorja fuq l-akkuża talli matul iż-żmien minn Jannar, 1971 sa Diċembru, 1974 xjentement b'kull mod li jkun għen u assista lil Ralph Cassar Torregiani fl-attijiet li bihom saret id-disposizzjoni ħażina ta' ħmisttax-il elf, erba' mija u sittax (15,416)-il xkora dqiq bi ksur tar-Regolament 25 tar-*Rationing Regulations* (G.N. 556 ta' l-1956) b'liema attijiet dan ir-reat ġie ppreparat u kkunsmat u talli fl-istess żmien xjentement laqa' għandu u xtara elfejn, mija u ħamsa u disgħin (2195) xkora dqiq li l-valur tagħhom huwa ta' disat elef, tmien mija u seba' u sebgħin lira u disa' ċenteżmi (Lm9,877.09,0) liema dqiq kien meħud b'qerq jew akkwistat b'reat u talli rċeva għandu dan id-dqiq li huwa oġġett tar-razzjon b'mod ieħor minn kif hemm ipprovdut bir-Regolament 18 ta' l-Avviż tal-Gvern 556 ta' l-1956;

Rat in-nota tal-15 ta' Mejju, 1978 ta' l-Avukat Ġenerali li biha bagħat l-imsemmija attijiet lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex l-istess ... peress li deherlu li setgħet tinstab ħtija (jew ħtijiet) kontra tiegħu taħt dak li hemm maħsub (1) fir-regolament 25 ta' l-Avviż tal-Gvern 556 ta' l-1956 b'referenza għall-artikolu 43 tal-Kodiċi Kriminali u bl-aplikazzjoni ta'l-artikoli 40 (a) u 50 ta' l-istess Avviż tal-Gvern u (2) bir-Regolament 18 ta' l-Avviż tal-Gvern nru. 556 ta' l-1956 u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 40 (a) u 50 ta' l-istess

Avviż tal-Gvern;

Rat is-sentenza mogħtija fl-14 ta' Mejju, 1982 mill-imsemmija Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha l-istess Qorti, peress li l-kawża kienet ġiet differita għat-18 ta' April, 1979 għas-sentenza u din is-sentenza baqgħet ma ngħatatx u l-ewwel proċediment wara dan sar fis-17 ta' Marzu, 1982 - iddikjarat li l-azzjoni kontra l-appellat Axisa hija preskritta;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka l-imsemmija sentenza mogħtija fl-14 ta' Mejju, 1982 mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali billi tiddikjara, għar-raġunijiet minnu sottomessi, li l-azzjoni mhix preskritta skond il-liġi u tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex il-kawża tiġi deċiża fil-meritu;

Semgħet it-trattazzjoni tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Għandu jingħad għall-aħjar kjarifikazzjoni ta' dan il-ġudizzju li l-perijodu ta' preskrizzjoni fih imsemmi huwa, skond il-verbal tat-28 ta' Settembru, 1983, dak ta' sentejn ikkontemplat fl-artikolu 683 (e) tal-Kodiċi Kriminali;

Kif jidher mir-rikors ta' l-appell, l-Avukat Ġenerali qiegħed jiddeduċi żewġ aggravji. Wieħed minn dawn l-aggravji huwa illi huwa inkonċepibbli illi azzjoni tista' tiġi preskritta meta dik l-istess azzjoni tkun ħadet il-kors kollu tagħha u jkun jonqos biss li l-ġudikant jagħti s-sentenza tiegħu. Din is-sottomissjoni huwa għamilha bla preġudizzju għal

sottomissjonijiet oħra (li l-Qorti sejra teżamina aktar tard f'din is-sentenza) u huwa għamilha in vista tal-fatt, kif diġà ngħad, li l-kawża kontra l-appellat kienet ġiet differita għas-sentenza ma kinitx ingħatat u kien biss fis-17 ta' Marzu, 1982 li l-Ewwel Qorti ordnat li jiġu nnotifikati l-imputati kollha, fosthom l-appellat Axisa. Fit-2 ta' April, 1982 il-kawża kienet ġiet differita għat-28 ta' April, 1982 u wara għall-14 ta' Mejju, 1982, meta ngħata is-sentenza appellata;

Il-punt fuq imsemmi ssollevat mill-Avukat Ġenerali diġà ġie kkunsidrat u deċiż minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Carmelo Cassar**, 8 ta' Jannar, 1957 (Imħallef Dr. J. Flores) fejn ingħad hekk (*ipsissimis verbis*): "il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali tista' tilqot kemm l-inizju ta' l-azzjoni u kemm il-kors tagħha sakemm ma teżawrixxix ruħha naturalment bil-ġudikat; u b'hekk anke wara li jkunu bdew il-proċeduri quddiem il-Qorti, l-azzjoni kriminali tista' taqa' bil-kors taż-żmien stabbilit". Kif jidher mill-istess deċiżjoni, il-ġudikant f'dik il-kawża kien ibbaża ruħu fuq żewġ deċiżjonijiet anteċedenti ta' din il-Qorti ċjoè **La Polizia *vs* Giorgia Schembri**, 20 ta' Settembru, 1930 (Kollezzjoni Deċiżjonijiet, Vol. XXVII-IV-822); **Il-Pulizija *vs* Nutar Rosario Frendo Randon**, 2 ta' Mejju, 1955 (Kollez. Deċ. Vol. XL-IV, 1124, 1129). F'din l-aħħar deċiżjoni, din il-Qorti kienet qalet illi "sakemm ma jkunx hemm ġudikat, l-azzjjoni penali tkun għadha ma eżawrietx l-attività tagħha, liema attività tista' titwaqqaf prematurament, fost kawżi oħra bil-preskrizzjoni". Għalhekk skond il-ġurisprudenza fuq ċitata, l-imsemmi aggravju ta' l-Avukat Ġenerali mhuwiex fondat;

Ikkunsidrat:

L-aggravju l-ieħor ta' l-Avukat Ġenerali huwa bbażat fuq l-artikolu 688 (1) tal-Kodiċi Kriminali kkombinat ma' l-artikolu

688 (4) ta' l-istess Kodiċi. L-artikolu 688 (1) jipprovdi li ż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att ttal-proċediment li jiġi nnotifikat lill-imputat jew akkużat dwar il-fatt li għalih ikun imputat jew akkużat u l-artikolu 688 (4) jiddisponi li l-ksur tal-preskrizzjoni għandu effett kontra dawk kollha li jkunu ħadu sehem fir-reat, għalkemm l-att li bih tkun ġiet miksura l-preskrizzjoni jkun sar kontra wieħed biss;

L-Avukat Ġenerali qiegħed jissottometti li jirriżulta li Ralph Cassar Torreggiani fuq imsemmi u l-appellat Axisa kienu oriġinarjament ko-imputati - dan Ralph Cassar Torreggiani, fost imputazzjonijiet oħra, talli iddispona ħażin, matul iż-żmien bejn Jannar 1971 u Diċembru 1974 minn ħmistax-il elf, erba' mija u sittax (15416) il-xkora dqiq u b'hekk għamel qligħ illegali ta' tnejn u erbgħin elf, erba' mija u disa' u tletin lira u erbgħin ċenteżmi (Lm42,439,40,0) bi ksur tar-Regolament 25 tar-*Rationing Regulations* (Avviż tal-Gvern 556 ta' l-1956) u l-appellat Axisa fuq l-imputazzjoni ta' kompliċità fl-istess reat u talli rċeva mingħand l-istess Cassar Torreggiani kwantità ta' dqiq li huwa oġġett ta' razzjon b'mod ieħor minn kif hemm ipprovdut fir-Regolament 18 ta' l-Avviż tal-Gvern 556 ta' l-1956, illi l-preskrizzjoni kienet ġiet interrotta ta' lanqas darba fix-xahar fil-konfront ta' Ralph Cassar Torreggiani bin-notifiki lilu tan-noti tar-rinviju u, kwindi, skond it-termini ta' l-artikolu 688 (4) fuq ċitat, l-imsemmija interruzzjoni kellha ukoll l-effett li tinterrompi l-preskrizzjoni fil-konfront ta' l-appellat;

Ma jistax ikun hemm kwistjoni illi l-preskrizzjoni ġiet interrotta matul l-imsemmi perijodu bejn it-18 ta' April, 1979 u s-17 ta' Marzu, 1982 fil-konfront ta' Ralph Cassar Torreggiani billi dan jirriżulta ċar mid-diversi riferti relattivi għalih (dok. SC1) kif ukoll mid-diversi proċeduri kontra tiegħu li jidhru minn eżami tal-proċess. Għalhekk jibqa' li din il-Qorti teżamina l-portata legali ta' l-imsemmi artikolu 688 (4) tal-Kodiċi Kriminali;

Ikkunsidrat:

L-imsemmi artikolu 688 (4), li qabel l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta kien innumerat 665, fit-test Taljan ta' qabel kien jgħid hekk fl-aħħar paragrafu tiegħu: "*L-interruzione della prescrizione ha effetto per tutti coloro che sono concorsi nel reato ancorchè gli atti interrottivi non siano intervenuti che contro uno solo*". Dan il-paragrafu kien identiku għall-aħħar paragrafu ta' l-artikolu 93 tal-Kodiċi Penali Taljan ta' l-1888 li kien ukoll jgħid hekk: "*L'interruzione della prescrizione ha affetto per tutti coloro che sono concorsi nel reato, anchorchè gli atti interrottivi non siano intervenuto che contro uno solo*". Għalhekk ikun utili li l-Qorti teżamina anke l-ġurisprudenza u dottrina Taljana in propositu minbarra l-ġurisprudenza patrija;

Ir-ratio legis ta' l-imsemmija disposizzjoni tal-liġi wieħed isibha imfissra fil-Arabia, *I Principi del Diritto Penale*, paġna 252, fejn jingħad hekk: "*Questa interruzione, dichiara lo stesso articolo 93, ha effetto per tutti coloro che sono concorsi al reato anchorchè gli atti interruttivi non siano interruttivi che contro uno solo. Questa disposizione che pareva contraria al principio della prescrizione essenzialmente speciale ad agnuno degli imputati, fu sostnuta del Senato sopratutto perchè la prescrizione anzi che essere un favore che si da all'imputato, è un istituzione d'interesse sociale e che riguarda la retta e sicura amminsitrazione della gustizia*". L-istess qalet ukoll il-Qorti Kriminali tagħna fil-kawża **Rex *vs* A. Zarb**, deċiża fil-15 ta' Novembru, 1909 (President Sir Giuseppe Carbone, Imħallfin Baruni Alessandro Chapelle u Giovanni Pullicino) Kollez. Deċ. Vol. XX - IV - 5) meta qalet b'referenza għall-aħħar paragrafu ta' l-artikolu 655 tal-Liġijiet Kriminali (illum l-imsemmi artikolu 688 (4) tal-Kodiċi Kriminali): "*la quale disposizione ha un carattere oggettivo: è inteso, cioè, a mantenere in vigore l'azione penale nell'interesso sociale e perciòè ha effetto in riguardo a tutti coloro che parteciparano nel resto: compresi*

*quelli ai quali gli atti interruttivi non furono diretti*";

Kif jgħid il-Manzini, Trattato di Diritto Penale Italiano, Volume III, paġna 332: "*È indifferente che i concorrenti nel medesimo reato siano o no tutti imputati nel momento in cui l'interruzione si avvera. La legge non parla di "imputati", ma di coloro che "sono concorsi*"". Jidher ukoll minn eżami tal-ġurisprudenza illi l-imsemmija disposizzjoni ta' l-artikolu 688 (4) ġiet applikata anke meta l-persuni l-oħra, li fil-konfront tagħhom ma jkunx sar l-att interruttiv tal-preskrizzjoni, ma jkunux ġew ipproċessati flimkien mal-persuna li fil-konfront tagħha sar l-att interruttiv. Hekk, per eżempju, fil "*Prima Raccolta completa della Giurisprudenza sul Codici Penali*" tal-Prof. Ugo Conti, Volume Primo, paġna 1321 jingħad:

"*634. Se piu persone concorsero in uno stesso reato, e dapprima al procedette contro una sola, l'interruzione della prescrizione dell'azione penale verificatasi in confronto di questo mantiene in vita l'azione penale anche in confronte delle altre (C., 2 febbraio 1903, Pene, Crust, pen 1903, 1201; Riv. pen, LV.III,684)*;

Il-Qrati tagħna ukoll ma sabux ebda diffikultà li japplikaw l-imsemmi artikolu 688 (4) anke meta l-persuna, li fil-konfront tagħha ma jkunx sar l-att li jikser il-preskrizzjoni, ma tkunx qiegħda tiġi proċessata flimkien mal-persuna li kontra tagħha jkun sar l-att interruttiv tal-preskrizzjoni. Hekk, per eżempju, fil-kawża fuq ċitata, **Rex *vs* A. Zarb**, li fiha l-akkużat eċċepixxa l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali għar-reat dedott kontra tiegħu ta' kompliċità f'adulterju pretiż li sar bil-konkors tiegħu minn mara miżżewġa, il-Qorti Kriminali elenkat l-atti li kienu saru kontra l-istess mara miżżewġa, fosthom il-mandat ta' arrest tagħha, l-atti tal-kumpilazzjoni kontra tagħha, l-att ta' l-akkuża li nħareġ kontriha u l-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali li

kienu spiċċaw bil-kundanna tagħha, biex tasal għall-konklużjoni li ma kienx għadda t-terminu tal-preskrizzjoni fil-konfront ta' l-akkużat Zarb; jiġifieri l-Qorti Kriminali f'dik il-kawża qieset, għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-imsemmi artikolu 688 (4) proċeduri separati meħuda kontra ħaddieħor;

Għalhekk inutili li jiġi sottomess mill-appellat li huwa qed jiġi pproċessat bi proċeduri separati minn dawk kontra Ralph Cassar Torreggiani jew illi l-proċeduri kontra tiegħu qegħdin isiru quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mentri dawk kontra Ralph Cassar Torreggiani qegħdin isiru fil-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. Il-liġi fl-artikolu 688 (4) ma ssemmix ko-imputati imma dawk kollha li jkunu ħadu sehem fir-reat. Jiġifieri l-liġi testendi l-applikazzjoni ta' l-att interruttiv tal-preskrizzjoni għal dawk il-persuni li "jkunu ħadu sehem fir-reat" u dawn il-kliem neċessarjament ifissru li ma jeħtieġ li dawn il-persuni jkunu ko-imputati jew li jkunu imputati fil-mument li l-interruzzjoni tavvera ruħha;

Ikkunsidrat:

Kif ġie osservat fil-kawża **La Polizia *vs* Giorgia Schembri**, fuq ċitata, il-liġi fl-artikolu 688 (4) tgħid li l-ksur tal-presrkizzjoni għandu effett kontra dawk kollha li jkunu ħadu sehem fir-reat. Jiġifieri meta l-att li bih tkun ġiet miksura l-preskrizzjoni jkun sar kontra wieħed biss, biex dak il-ksur tal-preskrizzjoni jkollu effett kontra ħaddieħor, jeħtieġ li jkun hemm da parti ta' dan il-ħaddieħor mhux il-konkors fil-fatt imma l-konkors fir-reat. Mhux hekk biss, imma jeħtieġ ukoll illi l-konkors ikun fl-istess reat. Kif josserva l-Manzini *op. cit.* paġna 332: "*Condizione essenziale per aversi l'effetto proveduto dall'articolo 93 ult. capov. è, per altro, chè il concorso sia avvenuto nel medesimo reato; mentre se se tratta*

*di fatto e reati distinti, sebbene commessi nel medesimo tempo e luogo, la disposizione di cui parliamo è riapplicabile"*. Għalhekk jinkombi lill-Qorti li teżamina jekk fl-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat, l-Avukat Ġenerali hux qed jallega li huwa kkonkorra fir-reat u/jew fir-reati dedotti kontra Ralph Cassar Torreggiani;

Issa, kif jidher mill-atti tal-proċess u kif ġà ngħad, l-appellat kien tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja fuq l-akkuża talli, matul iż-żmien minn Jannar 1971 sa Diċembru 1974, huwa xjentement, b'kull mod li jkun, għen u assista lil Ralph Cassar Torreggiani fl-attijiet li bihom saret id-disposizzjoni ħażina ta' ħmistax-il elf, erba' mija u sittax (15,416) il-xkora dqiq bi ksur tar-Regolament 25 tar-*Rationing Regulations* (A.L. 556 ta' l-1956), b'liema attijiet dan ir-reat ġie ppreparat u kkunsmat, kif ukoll fuq l-akkuża talli fl-istess żmien bejn Jannar 1971 u Diċembru 1974, xjentement laqa' għandu u xtara elfejn, mija u ħamsa u disgħin (2195)-il xkora dqiq li l-valur tiegħu huwa ta' disat elef, tmien mija u seba' u sebgħin lira u disa' ċenteżmi (Lm9877.09,0), liema dqiq kien ġie meħud b'qerq jew akkwistati b'reat u talli irċeva għandu dan id-dqiq li huwa oġġett ta' razzjon b'mod ieħor milli kif hemm ipprovdut fir-Regolatment 18 ta' l-Avviż tal-Gvern 556 ta' l-1956. In segwitu b'nota tal-15 ta' Mejju, 1978, l-Avukat Ġenerali kien bagħat l-attijiet lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex l-istess appellat jiġi ġġudikat skond l-artikolu 382 (3) (d) tal-Kodiċi Kriminali peress li deherlu li setgħet tinstab ħtija jew ħtijiet kontra tiegħu taħt dak li hemm maħsub fir-Regolament 25 ta' l-Avviż tal-Gvern 556 ta' l-1956 b'referenza għall-artikolu 43 tal-Kodiċi Kriminali u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 40 (1) u 50 ta' l-istess Avviż tal-Gvern 556 ta' l-1956 u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 40 (a) u 50 ta' l-istess Avviż tal-Gvern;

L-imsemmi Ralph Cassar Torreggiani qiegħed jiġi akkużat *inter alia* illi matul iż-żmien bejn Jannar 1971 u Diċembru 1984 iddispona ħażin minn ħmistax-il elf, erba' mija u sittax (15416) il-xkora dqiq u b'hekk għamel qligħ illegali ta' tnejn u erbgħin elf, erba' mija u disa' u tletin lira u erbgħin ċenteżmi (Lm42439.40,0) bi ksur tar-Regolament 25 tar-*Rationing Regulations*, Avviż tal-Gvern 556 ta' l-1956;

Huwa evidenti għalhekk minn dak li għadu kemm ingħad fuq illi in kwantu l-Avukat Ġenerali qiegħed jallega li l-appellat għandu jinsab ħati taħt ir-Regolament 25 ta' l-Avviż tal-Gvern 556 ta' l-1956, huwa qed jippretendi li l-appellat ikkonkorra bl-imsemmi reat addebitat lil Ralph Cassar Torreggiani taħt l-istess Regolament 25 ta' l-Avviż tal-Gvern 556 ta' l-1956 - tant li meta l-Avukat Ġenerali bagħat l-attijiet lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, huwa ma qalx biss li setgħet tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fir-Regolament 25, iżda żied il-kliem "b'referenza għall-artikolu 43 tal-Kodiċi Kriminali", ċjoè l-artikolu li jikkontempla l-kompliċità fid-delitt;

Għalhekk in kwantu għar-reat dedott kontra l-appellat Axisa taħt ir-Regolament 25 fuq imsemmi, l-atti li bihom ġiet miksura l-preskrizzjoni fil-konfront ta' Ralph Cassar Torreggiani kellhom l-effett ukoll li jinterrompu l-preskrizzjoni fil-konfront ta' l-appellat Axisa li qed jiġi akkużat li kkonkorra ma' Ralph Cassar Torreggiani fl-istess reat taħt ir-Regolament 25 u kwindi ma jistax jingħad li hemm il-preskrizzjoni favur l-appellat in kwantu li l-appellat qiegħed jiġi pproċessat dwar jekk għandux ħtija jew le taħt ir-Regolament 25 ta' l-Avviż tal-Gvern 556 ta' l-1956 b'referenza għall-artikolu 43 tal-Kodiċi Kriminali u bl-applikazzjoni ta' l-artikoli 40 (a) u 50 ta' l-istess Avviż tal-Gvern;

L-istess però ma jistax jingħad in kwantu li l-appellat qed jiġi proċessat għall-ħtija li jista' jkollu taħt ir-Regolament 18 ta' l-Avviż tal-Gvern 556 ta' l-1956. Dan ir-Regolament jiddisponi li "ħadd ma jista' jieħu (*acquire* fit-test Ingliż) oġġetti tar-razzjon mingħand xi persuna jekk mhux skond dawn ir-Regolamenti u b'ordnijiet mogħtija mill-Ministru";

Minn eżami ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Ralph Cassar Torreggiani ma jirriżulta li dan qiegħed jiġi addebitat b'xi reat taħt l-imsemmi Regolament 18 u għalhekk ma jistax jingħad li l-appellat, meta ġie akkużat taħt ir-Regolament 18, ġie akkużat ukoll bħala li kkonkorra f'xi reat addebitat lil Ralph Cassar Torreggiani. Kif ġà ngħad, il-liġi tirrikjedi l-konkors fir-<u>reat</u> u mhux fil-<u>fatt</u>, u dan il-konkors fir-reat, in kwantu għall-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellat taħt ir-Regolament 18 ma jeżistix. Kwindi l-atti li bihom ġiet miksura l-preskrizzjoni fil-konfront ta' Ralph Cassar Torreggiani ma kellhom ukoll l-effett li jiksru l-preskrizzjoni fil-konfront ta' l-appellat in kwantu li l-appellat qed jiġi akkużat taħt ir-Regolament 18 ta' l-Avviż tal-Gvern 556 ta' l-1956 u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 40 (a) u 50 ta' l-istess Avviż tal-Gvern. Għalhekk billi għadda l-perijodu ta' sentejn ikkontemplat fl-artikolu 683 (e) tal-Kodiċi Kriminali minn meta l-kawża tħalliet għat-18 ta' April, 1979, għas-sentenza sa meta wara reġa' nbeda l-proċediment kontra l-appellat fis-27 ta' Marzu, 1982, hemm favur l-appellat il-preskrizzjoni in kwantu l-appellat qed jiġi pproċessat dwar jekk għandux ħtija jew le taħt ir-Regolament 18 ta' l-Avviż tal-Gvern 556 ta' l-1956 u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 40 (a) u 50 ta' l-istess Avviż tal-Gvern;

Ikkunsidrat:

Kif jidher mill-verbal tas-seduta tad-9 ta' Diċembru, 1983, l-Avukat Ġenerali għamel referenza għall-prime note hemm

imsemmija u allega li fis-seduta ta' l-4 ta' Awissu, 1980 u ta' l-10 ta' Novembru, 1980, l-att tar-rinviju kien ġie moqri lill-imputat. Huwa ċar minn eżami tad-dokumenti relattivi illi l-imputat li għalih qiegħda ssir referenza huwa Ralph Cassar Torreggiani. Infatti, kwantu għas-seduta ta' l-4 ta' Awissu, 1980, l-att tar-rinviju ddatat 14 ta' Lulju, 1980 (fol. 713) kien "għar-rigward ta' Ralph Cassar Torreggiani biss" u jsegwi għalhekk li meta nqara fis-seduta ta' l-4 ta' Awissu, 1980, inqara lilu biss. Hekk ukoll kwantu għas-seduta ta' l-10 ta' Novembru, 1980, l-att tar-rinviju ddatat 16 ta' Ottubru, 1980 (fol. 721) kien ukoll "għar-rigward ta' Ralph Cassar Torreggiani biss" u għalhekk dan l-att inqara lilu biss fis-seduta ta' l-10 ta' Novembru, 1980. Għalhekk dawn l-atti tar-rinviju ma jistgħu bl-ebda mod jiġu kkunsidrati bħala atti ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront ta' l-appellat Axisa;

Fl-aħħarnett il-Qorti tixtieq iżżid li minn eżami tar-riferti esebiti (dok. SC) relattivi għall-appellat Axisa għall-perijodu bejn it-18 ta' April, 1979 (data li għaliha l-kawża kontra tiegħu kienet tħalliet għas-sentenza mill-Ewwel Qorti) u s-17 ta' Marzu, 1982 (data li fiha reġa' nbeda l-proċediment kontra l-appellat quddiem l-Ewwel Qorti) jirriżulta li hemm riferta waħda li ġġib id-data tat-12 ta' Ottubru, 1979 u li biha l-istess appellat ġie mħarrek għas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 1979. Din kienet seduta li kienet saret fuq rinviju ddatat 8 ta' Ottubru, 1979, ta' l-Avukat Ġenerali a rigward ta' Ralph Cassar Torreggiani biss sabiex tisma' bħala xhieda lill-appellat u lill-ħaddieħor; Għalhekk l-appellat kien ġie mħarrek biex jixhed fil-kawża kontra Ralph Cassar Torreggiani u mhux bħala imputat fil-kawża tiegħu stess. Dan jidher ċar mill-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 1979 li minnu jirriżulta li l-Qorti kienet irriteniet opportun li x-xhieda (fosthom l-appellat) li ried jisma' l-Avukat Ġenerali, jinstemgħu wara li tingħata d-deċiżjoni dwar ir-reati li tagħhom kienu akkużati. Għalhekk l-istess taħrika ma tammontax għall-att interruttiv tal-preskrizzjoni fil-konfront ta'

l-appellat. Però anke kieku għall-grazzja ta' l-argument kellu jiġi ritenut (ħaġa li mhix qiegħda tagħmel din il-Qorti) li t-taħrika fuq imsemmija kienet tinterrompi l-preskrizzjoni fil-konfront ta' l-appellat, l-istess ikun għadda l-perijodu ta' sentejn ikkontemplat fl-imsemmi artikolu 683 (e) tal-Kodiċi Kriminali bejn Ottubru 1979 u 17 ta' Marzu,1982 meta reġgħu bdew il-proċeduri. Kwindi ċ-ċirkostanza ta' din ir-riferta ma taffettwa bl-ebda mod il-konklużjonijiet fuq raġġunti mill-Qorti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tirriforma s-sentenza appellata fuq imsemmija fis-sens illi tikkonfermaha filli l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-azzjoni hija preskritta u dina l-konferma limitatament in kwantu l-appellat qed jiġi pproċessat dwar jekk għandux ħtija jew le taħt ir-Regolament 18 ta' l-Avviż tal-Gvern 556 ta' l-1956 u bl-applikazzjoni ta' l-artikoli 40 (a) u 50 ta' l-istess Avviż tal-Gvern, iżda tirrevokaha filli l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-azzjoni hija preskritta u dana in kwantu l-appellat qiegħed jiġi pproċessat dwar jekk għandux ħtija jew le taħt ir-Regolament 25 ta' l-Avviż tal-Gvern 556 ta' l-1956 b'referenza għall-artikolu 43 tal-Kodiċi Kriminali u bl-applikazzjoni ta' l-artikoli 40 (a) u 50 ta' l-istess Avviż tal-Gvern, u minflok, din il-Qorti tiddeċidi li ma hemmx lok għall-preskrizzjoni f'dan ir-rigward u kwindi tiċħad il-preskrizzjoni in kwantu l-appellat qed jiġi pproċessat taħt ir-Regolament 25 ta' l-Avviż tal-Gvern 556 ta' l-1956 b'referenza għall-artikolu 43 tal-Kodiċi Kriminali u bl-applikazzjoni ta' l-artikoli 40 (a) u 50 ta' l-istess Avviż tal-Gvern u għalhekk din il-Qorti tirrinvija l-proċess lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-proċediment jitkompla quddiemha kontra l-appellat.